# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, 5 t'April, 2001.**

**Kawza Nru. 37.**
**Citazz. Nru. 1093/00 JRM**

**Joseph u Patricia konjugi VELLA fil-kwalita' taghhom ta' legittimi rappresentanti ta' binhom Andrew George VELLA**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-30 ta' Mejju, 2000, li bih l-atturi *nomine* ppremettew:

Illi l-minuri Andrew George Vella, bin Joseph u Patricia konjugi Vella u kif legittimament rapprezentat minnhom gie erronjament indikat fl-Att tat-Twelid numru 140/200 bhala Andrew, George u mhux Andrew George kif jidher fl-istess Att hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u kif jidher aktar car mill-istess Att tat-Twelid imma f'forma aktar konciza hawn annessa u mmarkata Dok. B;

Illi in effetti mill-istess certifikat tat-twelid mahrug mill-isptar St. Philip's fejn il-minuri twieled, jirrizulta illi l-isem il-minuri huwa effettivament bhala dak wiehed u cioe' Andrew George, u mhux bhala zewg ismijiet, jigifieri Andrew, George; (Dok C);

Illi ghalhekk, l-atturi fil-kwalita' taghhom bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Andrew George jixtiequ jirregolaw il-posizzjoni taghhom u li jsiru l-korrezzjonijiet relattivi tal-izball erronjament indikat fl-Att tat-Twelid Numru 140/2000;

Ghalhekk l-atturi *nomine* talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tiddikjara illi l-isem tal-minuri Andrew George gie erronjament indikat bhala Andrew, George fl-Att tat-Twelid numru 140/2000;

2. Tordna li ssir il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 140/2000 billi that il-kolonna "Isem il-Wild" il-kliem "Andrew, George" jigu sostitwiti bil-kliem "Andrew George";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id- Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi nomine flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fis-7 ta' Lulju, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fid-dikjarazzjoni attrici u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi dwar it-talbiet;

2. Illi t-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 140/2000 mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li allura m'ghandux ibati spejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda tal-atturi u dik tax-xiehda mressqa minnhom;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l- ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2001, li bih halliet il- kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret ghax isem il-wild tal-atturi huwa registrat b'mod zbaljat fl-Att tat-Tewlid tal-istess wild li jgib in-numru

140/2000 [Dok "A" u "B" f'pagni 7 u 8 tal-process]. Huma jtennu li dan l-izball jikkonsisti f'punteggatura bejn l-ewwel u t-tieni isem moghti lit-tarbija, filwaqt li huma riedu li z-zewg ismijiet jkunu minghajr dik il-punteggatura, b'mod li t-tifel jigi muri li jismu "Andrew George";

Illi l-atturi *nomine* ressqu provi, kemm orali u kif ukoll b'dokumenti, biex isostnu t-talba taghhom u, biex ifissru l- fehma taghhom izjed, taw lill-Qorti l-motivi ghaliex hija daqshekk haga mehtiega ghalihom li t-talba taghhom tintlaqa';

Illi l-Qorti tosserva li dan huwa wiehed mill-kazi rari fejn talba ghal tiswija ta' Att ta' Stat Civili qeghda ssir dwar punteggatura. Imma, minn kif jidher mid-Dokument "B", dik il-punteggatura taffettwa b'mod tangibbli lill-persuna koncernata, izjed u izjed 'il quddiem, meta jkollha turi c-certifikat tat-Twelid taghha jew titlob il-hrug ta' dokumenti ufficjali. Ghalhekk, jidher imsejjes l-interess legali li trid il-ligi biex kawza tista' tigi proposta, u l-atturi *nomine* huma l- persuni li llum jistghu u ghandhom jiehdu l-interessi ta' binhom minuri f'idejhom, ukoll ghal dak li jista' jkun mehtieg fil-gejjieni;

Illi, ukoll skond ma jghid l-Att tat-Twelid, id-dikjarazzjoni tat-twelid saret mill-attur missier l-istess tarbija;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl- interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isem il-minuri jkun konformi mal-ghazla li saret mill-atturi sa mill-bidunett tal-hajja tieghu u li jixtiequ, b'kull ragun, li ma tigix imfixkla jew imxejjna. Min-naha l-ohra, il- bidla mitluba mill-atturi nomine ma ggib l-ebda hsara lil terzi persuni, li wkoll, kieku kien hemm xihadd li deherlu li kellu jressaq opposizzjoni, messu ghamel dan fiz-zmien stabilit mil-ligi, meta deher l-avviz fil-Gazzetta;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talba;

Illi fuq dan il-mertu wahdu, il-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li meta l-attur mar huwa stess biex irregistra t-twelid u ffirma l-Att tat-Twelid originali, kien fid-dmir tieghu jara u jifli sewwa dak id-dokument qabel iffirmah. Il-Qorti ma temminx (u ma tressqet l-ebda prova jew imqar xilja f'dan ir-rigward) li xihadd kellu interess li jaghmel zidiet fil-punteggatura wara li l-attur iffirma l-Att tat-Twelid originali. Ghalhekk, il-Qorti ssib li ma giex muri b'mod sufficjenti li l-izball kien jahti ghalih il-konvenut;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att tat-Twelid numru 140 tal-2000 hemm zball fis-sens illi, taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin", isem it-tarbija ghandu jkun "Andrew George" u mhux "Andrew, George", kif jidher attwalment;

**Tilqa' t-tieni talba** u tordna li ssir it-tiswija tal-imsemmi zball f'dik l-intestatura;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tiswija mehtiega fl-Att tat-Twelid; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi *nomine.*

*5 t'April, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**5 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 t'April, 2001.**